15 ta' Jannar 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Josephine Buhagiar *versus* Giuseppe Sammut

## Dota — Art. 33 (2) tal-Kodiċi Ċivili

*Għalkemm il-liġi tgħid illi l-bint li ma jkollhiex biżżejjed minn tagħha għandha l-jedd, meta tiġi biex tiżżewweġ, għad-dota minn għand missierha u persuni oħra "in subsidium", dik il-bint għandha wkoll dan id-dritt li tikkostringi lill-ġenituri tagħha jikkostitwulha dota wara li jkun ġie ċelebrat iż-żwieġ, meta ma tkunx ġiet dotata qabel iż-żwieġ jew fiż-żmien taż-żwieġ; salvo li hija ma tkunx irrinunzjat għal dik id-dota.*

*Liema dritt tal-bint huwa subordinat għall-każ li l-bint ma jkollhiex beni sufficjenti sabiex tiddota ruħha.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attriċi, wara li jiġi premess illi fid-29 ta' Lulju 1956 l-attriċi ngħaqdet fiż-żwieġ ma l-imsemmi Charles Buhagiar, u li ma ħaditx minn għand missierha, il-konvenut, id-dota li għaliha għandha dritt u li kien sa minn qabel iż-żwieġ tagħha ppromettа li jagħtiha, premessa kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u meħud kwalunkwe provvediment opportun, talbet li l-konvenut jiġi kundannat iħallasha bħala titolu ta' dota dak l-ammont ta' flus li jiġi fissat skond il-liġi. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-attijiet tal-kawża jidher li l-attriċi qegħedha titlob minn għand missierha d-dota in forza tal-art. 33 (2) tal-Kodiċi Ċivili, li jiddisponi li bint li ma jkollhiex biżżejjed minn tagħha għandha l-jedd, meta tiġi biex tiżżewweġ, għad-dota minn għand missierha u persuni oħra hemm imsemmija "in subsidium", li ma jinteressawniex f'din il-kawża; u għalkemm fl-artikolu msemmi jingħad li dan id-dritt tal-bint ikun hemm loku meta tiġi biex tiżżewweġ, eppure ġie deċiż (Prim'Awla Ċivili 28 ta' Mejju 1880, "Mangion utrinque", Vol. IX, paġ. 156, kolonna 2da.), li hija għandha ugwalment il-jedd, tikkostringi lill-ġenituri tagħha jikkostitwulha dota, meta ma tkunx ġiet dotata qabel iż-żwieġ jew fiż-żmien taż-żwieġ, wara li jkun ġie ċelebrat iż-żwieġ; salvo li ma tkunx irrinunzjat għaliha; l-għaliex ebda dispożizzjoni tal-liġi ma hija kuntrarja għal din l-interpretazzjoni;

Dana l-jedd tat-tifla jew bint, u l-obligu tal-missier, huwa subordinat għall-każ li l-bint ma jkollhiex beni sufficjenti sabiex tiddota ruħha, kif kien del resto preskritt fil-para. 17 Kap. II tal-Ktieb III tal-Kodiċi De Rohan, li jgħid illi, "avendo i figli propri e sufficienti sostanze, sì pel loro mantenimento come per collocarsi e stabilirsi in matrimonio, non potranno costringere in vita i loro genitori per gli ali-

menti e per la dote, salvo ad essi il diritto per la legittima e tutt'altro che sui loro beni potrà loro spettare";

Anki fid-Dritt Ruman, il-missier, bla ebda obligu konvenzjonali, kien dejjem tenut jagħti d-dota lill-uliedu bniet (ara L. 19 ff. de ritu nuptiarum, 23, 2, u L. unic. Codex de dotis promissione, L. 14 Codex de jure dotum — Omnino paternum esse officium dotem dare); mentri l-Kodiċijiet Franċiż u Taljan moderni jirrikonoxxu biss obligu morali li l-bniet jiġu dotati;

Ikkunsidrat;

Illi, stabbilit dan li ntqal, il-partijiet ftehmu li l-konvenut jirtira l-eċċezzjonijiet tiegħu u offra lill-attriċi £35, nofs akkont tal-eredità materna u nofs akkont tal-eredità paterna, dak li l-attriċi aċċettat; però tinsisti li dan il-ftehim ikun vidimat f'sentenza;

*Omissis;*

Għalhekk:

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi għall- ammont ta' £35, b'dan li nofs dik is-somma sejra tiġi mogħtija akkont tal-eredità materna u n-nofs l-ieħor akkont tal-eredità paterna. L-ispejjeż, tassabbli bħal fil-każ ta' ammissjoni, jibqgħu għall-konvenut.